# OQBRA MINSIJA

*Ta'* Ninu Cremona

X'imkien fil-qiegħ ta' sur fejn il-ħsieb ħadni
f'siegħa ta' djieq il-qalb fil-għabex kiebi
ilmaħt is-siġar taċ-ċipress imissu
mas-swied tas-sema.

Tixref il fuq minn ħajt qadim xi ħaġra
b'xi salib fuqha u b'dell ta' siġra wrajha
bħal ruħ li donnha qamet biex tittawwal
'l min ħaseb fiha.

Jidher mill-bwejba ta' ħadid immermer
xi qabar 'l hawn u 'l hinn bil-għatu mkisser
qalb il-ħaxix u l-ebda dawl ma jwennes
l-erwieħ minsija.

Hemm bla ma ssib l-imgħażqa li teqridha
flimkien ma' xeħt ir-riħ tirgħa l-ħafura;
l-għollieq ħonoq l-iklil u s-sardinella;
biss baqa' l-plejju

jfewwaħ madwar l-oqbra, li minsija
mill-ħbieb u qraba ta' min igħammar fihom,
ilhom li nsew il-ward u l-fwieħa tagħhom
minn id ħanina.

Ix-xemx li ntfiet ħalliet fuq l-oqbra l-ħemda
tad-dalma ta' l-imwiet, u l-ebda għasfura
hawnhekk ma tbejjet jew tismagħha tpespes
x'ħin sejra torqod.

Hadd ħlief il-kwiekeb li feġġew iħarsu
b'għajnejn seksieka u ħlief xi werżieq igħajjat
moħbi fil-liedna tal-ħitan ma jikser
il-waħx ta' l-oqbra.

Resaq is-skiet tal-lejl fuq dik id-dwejra
ta' nies reqdin ir-raqda twila għal dejjem.
Iż-żmien hawnhekk insiehom, ħarbat, ħassar
mill-ġebla isimhom.

Fl-aħħar minn bejn sħab iswed feġġ il-qamar
b'ħarsa ta' ħniena u d-dawl bajdani xeħet
fuq dik il-ħerba ta' mejtin imkeffna
fid-dlam ta' ljieli.

B'dirgħajn twal twal deher is-salib isaltan
fuq dik il-ħerba ta' mejtin isejjaħ
ħniena minn qiegħ ta' żmien li għadda u ntesa
qalb dak ir-radam.

Raġa' sħab iswed għatta wiċċ il-qamar.
Il-lejl ħeba s-Salib ġo kefen iswed;
Mill-oqbra smajt il-karba ta' xi mejjet
titlob il-ħniena.

Għadha f'widnejja tidwi dik il-karba
li qaltli: "Ftakar f'dak il-jum li magħna
għad tiġi torqod u fl-irdum ta' ħerba
jinsewk għal dejjem".